MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 979/2005

**Michael Angelo Fenech (ID 440647M) personalment**

**kif ukoll bhala azzjonista u direttur ta' Fenech**

**Estates Company Limited ghan-nom ta' l-istess**

**kumpanija u l-istess Fenech Estates Company Ltd**

**bhala azzjonista ta' Tal-Barrani Ltd**

**vs**

**HSBC Bank (Malta) plc; Michael Axisa Ltd, Laylay**

**Company Ltd; Dr Louis Cassar Pullicino bhala amministratur provizorju mahtur mill-Qorti ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Tal-Barrani Company Limited; Registratur tal-Qrati Superjuri**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-atturi tal-14 t'Ottubru 2005 li taqra hekk:

*"Billi b' rikors fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs. Tal-Barrani Company Limited s- socjeta konvenuta HSBC Bank Malta plc kienet talb li jinhatar amministratur provvizorju tas-socjeta Tal-Barrani Company Limited, tiddikjara li dik is-socjeta ssospendiet in-negozju taghha ghall-perijodu hemm dikjarat, tiddikjara li jesitu ragunijiet gravi ghall-istralc tal-istess, u ghallhekk tordna lis-stralc taghha,tahtar stralcjarju u taghti kull prowediment iehor opportun fir-rigward ;*

*U billi Michael Angelo Fenech huwa azzjonista b' sehem ta' hamsin fil-mija kif ukoll direttur tal-kumpannija Fenech Estates Company Limited liema kumpannija hija azzjonista fil-kumpannija Tal-Barrani Company Limited; U billi Michael Angelo Fenech jokkupa ukoll il-kariga ta' Direttur ta' Tal-Barrrani Company Limited;*

*U Billi fl-atti tal-fuq imsemmi rikors b' degriet tal-24 ta' Marzu, 2004, gie mahtur amministratur provvizorju Dr. Louis Cassar Pulllicino;*

*U billi b' rikors tas-27 ta' Ottubru,2004 il-bank konvenut kien talab li:*

a) *"Tawtorizza lill-amministratur provizorju li jottjeni valutazzjom ta' l-art fis- sitwazzjoni li hi llum u li joffri l-art "Ta' Kalamija" tal-kejl ta' madwar 9,000 metru kwadru fi Triq Santu Kristu, Ghaxaq konfinanti mill-Majjistral mal-imsemmija triq, mill-Grigal ma' propjeta ta' Concrete Works Ltd, u mix-Xlokk ma' propjeta' ta' Salvu Meli, kif soggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta' disa' liri Maltin (Lm9) ghall-offerti fejn l-amministratur provisorju jirriserva d-dritt li jirrifiuta kull offerta, anke l-aktar vantaggjuza u ma jkunx awtorizzat jaccetta offerti ta' figura ta' anqas minn nofs il-valutazzjoni ottjenuta;*

b) *Illi f'tali offerta ta' l-ishma, is-socjetajiet azzjonisti ta' Tal-Barrani Company Limited jinghata id-dritt lil kull wiehed minnhom li jakkwistaw l-art huma stess, pero' bl-ammont ta' l-ghola offerta tigi rafforzata b'garanzija bankarja bhala 'performance bond' ghal-30% ta' l-istess offerta, u liema garanzija bankarja trid tigi pprezentata lill-amministratur provvizorju fi zmien erbgha u ghoxrin siegha mill-gheluq tal-irkant.*

c) *Tistipola illi l-offerta tas-socjeta' azzjonista li taghmel l-ghola offerta tkun iffirmata mid-diretturi kollha tal-istess socjeta' offerenti*

*U billi b' nota tal-15 ta' Novembru,2004 l-esponent indika li huwa personalment u anke il-kumpanija minnhu rappresentata ma jopponux il-bejgh tal-proprjeta purke din issir fuq kondizzjonijiet maqbula bejn il-partijiet;*

*U billi b' degriet tas-7 ta' Dicembru, 2004 il-Qorti laqghet it-talbiet tal-bank konvenut kif elenkati fir-rikors tas-27 ta' Ottubru,2004;*

*U billi dan id-degriet baqa qatt ma gie notifikat lill-atturi u l-atturi baqghu injari ghall-bosta zmien tal-fuq imsemmi ordni tal-Qorti;*

*U billi wara dan id-degriet l-amministratur provvizorju pproceda biex jottjeni stima tal-proprjeta fuq imsemmija, liema stima kienet ta' LM800,000 u dan ghall-avolja kien hemm gja negozjati precedenti f'liema l-prezz offrut ghall-istess art kien ta' LM1,600,000 liema prezz kien jaf bieh l-istess amministratur;*

*U billi wara dan l-amministratur pproceda biex igib avvizi ghall-offerti ghall-bejgh tal-istess art;*

*U billi dan kollu sar minghajr ma l-attur gie notifikat b' dawn il-proceduri u minghajr dawn il-proceduri ma ngiebu ghak-konoxxenza tieghu, u in partikolari minnghajr mad-degriet tal-Qorti moghti in kamera ma gie notifikat lilu, liema degriet tas-7 ta' Dicembru ,2005 lanqas biss ma kien jirrisulta registrat fir-registru tar-rikorsi;*

*U billi l-attur malli ttenda li kienu saru dawn il-proceduri u kienu intefghu offerti ghax-xiri tal-istess art kien immedjatament sab minn kien dispost sija li joffri hu stess sija li jiffinanzja x-xiri tal-proprjeta minn terzi skond anke garanzija bankarja li nghatat;*

*U billi nonostante dan kollu l-amministratur ghadda biex jikkonkludi konvenju mas-socjeta konvenuta Michael Axisa Ltd, socjeta li kellha interess fl-istess kumpanija li kienet qiegheda tigi amministrata u dan bi pregjudizzju kbir ghad-drittijiet tal-atturi;*

*U billi huwa evidenti li dan kollu sar b' manuvra li irrisultat f vantagg indebitu lill-*

*wiehed mis-socji tal-istess socjeta amministrata ghad-dannu tas-socji l-ohra;*

*U billi b' rikors tat-8 ta' Frar,2005 l-atturi talbu l-protezzjoni tal-Qorti sa biex jinghataw dawk id-direttivi mehtiega u mixtieqa biex il-bejgh tal-proprjeta isir verament bi prezz li jkun vantagguz ghall-kullhadd u jekk hemm bzonn li tali bejgh isir b' irkant pubbliku;*

*U billi din it-talba tal-atturi giet michuda b' degriet in kamera tal-l ta' Marzu 2005, minghajr ma l-Qorti tat lill-istess atturi l-opportunita li jinstemghu fuq it-talbiet taghhom u dan anke bi vjolazzjoni tad-dritt taghhom li jinghataw smiegh xieraq, u dan*

*anke wara li l-istess Qorti f'udjenzi precedenti kienet ddikjarat li ser tisma lill-partijiet;*

*Jghidu ghallhekk l-istess konvenuti ghaliex dina l-Qorti ma ghandiex tiddecidi u*

*tiddikjara:*

1. *Li bid-degriet tas-7 ta' Dicembru, 2004 il-Qorti ma awtorizzatx il-bejgh tal-proprjeta fuq deskritta imma biss ipprovdiet ghall-proceduri preliminari li setghu eventwalment jwasslu ghall-dak il-bejgh;*

2. *Li bid-degriet fuq imsemmi l-atturi qatt ma gew notifikati kif kien obbligu li jsir fit-termini tal-artikolu 173 tal-Kodicita' Organizazzjoni u Procedura Civili u ghallhekk il-proceduri li saru fuq l-istess degriet qabel dik in-notifika kienu nulli u inattendibili ghaliex maghmula ad insaputa tal-atturi;*

3. *Li l-Qorti ma awtorizzatx il-bejgh tal-proprjeta fuq imsemmija billi t-termini f'liema kellu jsir dak il-bejgh qatt ma ngiebu ghak-konjizzjoni tal-istess Qorti ghall-approvazzjoni taghha u ghallhekk l-istess Qorti qatt ma kellha l- opportunita li tiddecidi fuq il-prospettat bejgh u wisq inqas l-atturi kellhom l-opportunita li*

*jinstemghu mill-Qorti fuq dan il-punt, kif kien dritt taghhom, u b' hekk gew vjolat d-dritt taghhom ghall-smiegh xieraq kif protett mill-ligi;*

4. *Li c-cahda tar-rikors tal-atturi tal-8 ta' Frar,2005 maghmula b' degriet tal-1 ta' Marzu 2005 kienet lesiva tad-drittijiet tal-atturi billi saret minnghajr ma l-Qorti taghat l-opportunita lill-istess atturi li jigu mismugha kif kien dritt taghhom u kienet erronea fil-ligi billi fic-cirkostanzi kif fuq premessi r-rikors tal-atturi messhu intlaqha;*

*Bl-ispejjez u b' l-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni."*

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi tal-14 t'Ottubru 2005 (a fol. 3 et seq.);

Rat id-digriet li bih appuntat ic-citazzjoni ghas-smiegh;

Rat illi citazzjoni, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-partijiet;

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta Lay Lay Company Limited tat-13 ta'Jannar 2006 (a fol. 13) li taqra hekk:

1. *"Illi m'hemmx lok ghal dawn il-proceduri in kwantu dak li qieghed jintalab f'din il-kawza huwa l-meritu ta' appell intavolat minn Fenech Estates Company Limited u Michael Angelo Fenech bhala direttur u azzjonista ta' Fenech Estates Company Limited u bhala direttur ta' tal-Barrani Limited fl-14 ta' Novembru 2005* ***(HSBC Bank (Malta) plc vs Tal-Barrani Company Limited et*** *530/02JA);*

2. *Illi bla pregudizzju s-socjeta konvenuta Lay Lay Company Limited m'hijiex legittimu kontradittur;*

3. *Illi bla pregudizzju Michael Angelo Fenech m'ghandux ir-rapprezentanza gudizzjarja tal-kumpannija Fenech Estates Company Limited u ghalhekk m'ghandux locus standi biex jagixxi shan-nom ta'din il-kumpannija;*

4. *Illi inoltre u f'kull kaz, azzjonist ta' kumpannija (f'dan il-kaz Fenech Estates Company Limited) m'ghandha l-ebda locus standi f'dawn il-proceduri in kwantu l-art in kwistjoni kienet proprjeta' tal-kumpannija tal-Barrani Company Limited.*

5. *Illi bla pregudizzju Michael Angelo Fenech personalment m'huwiex azzjonist tal-kumpannija Tal-Barrani Limited u ghalhekk m'ghandu l-ebda interess guridiku f'dawn il-proceduri.*

6. *Illi bla pregudizzju t-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ngunti in subizzjoni."*

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta konvenuta tat-13 ta'Jannar 2006 (a fol. 14 et seq.);

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta Michael Axisa Limited tat-13 ta'Jannar 2006 (a fol. 18) li taqra hekk:

1. *Illi m'hemmx lok ghal dawn il-proceduri in kwantu dak li qieghed jintalab f' din il-kawza huwa l-meritu ta' appell intavolat minn Fenech Estates Company Limited u Michael Angelo Fenech bhala direttur u azzjonista ta' Fenech Estates Company Limited u bhala direttur ta' tal-Barrani Limited fl- 14 ta' Novembru 2005* ***(HSBC Bank (Malta) plc vs Tal-Barrani Company Limited et*** *530/02JA);*

2. *Illi bla pregudizzju Michael Angelo Fenech m'ghandux ir-rapprezentanza gudizzjarja tal-kumpannija Fenech Estates Company Limited u ghalhekk m'ghandux locus standi biex jagixxi ghan-nom ta' din il-kumpannija;*

3. *Illi inoltre u f'kull kaz, azzjonist ta' kumpannija (f'dan il-kaz Fenech Estates Company Limited) m'ghandha l-ebda locus standi f'dawn il-proceduri in kwantu l-art in kwistjoni kienet proprjeta' tal-kumpannija tal-Barrani Company Limited.*

4. *Illi bla pregudizzju Michael Angelo Fenech personalment m'huwiex azzjonist tal-kumpannija Tal-Barrani Limited u ghalhekk m'ghandu l-ebda interess guridiku f'dawn il-proceduri u m'ghandu l-ebda dritt li jimpunja d-digrieti moghtija mill-Qorti fil-proceduri fuq imsemmija;*

5. *Illi l-art meritu tal-kawza inbieghet lis-socjeta Michael Axisa Limited permezz ta' kuntratt pubbliku datat 18 ta' Marzu 2005 fl-atti tan-nutar Dr. Carmelo Mangion, liema kuntratt m'huwiex jigi mpunjat f dawn il-proceduri;*

6. *Illi in forza tad-digriet moghti mill-Qorti fis-7 ta' Dicembru 2004 l-amministratur kellu l-awtorizazzjoni mehtiega li jitrasferixxi l-proprjeta' lill-eccipjenti taht il-kondizzjonijiet pattwiti u l-Qorti kienet mgharrfa x'kien qieghed isir.*

7. *Illi fil-meritu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u kif ser jirrizulta mill-provi:-*

a) *id-digriet tas-7 ta' Dicembru 2004 moghti mill-Qorti kien fil-fatt jawtorizza l-bejgh tal-proprjeta in kwistjoni Dan kif sussegwentement ikkonfermat f'digriet iehor moghti mill-istess Qorti.*

b) *Tant id-digriet kien jawtorizza l-bejgh li fir-rikors ipprezentat minn Michael Angelo Fenech fit-8 ta' Frar 2005, ippremetta "illi sussegwentement ghall-diversi atti maghmulu fil-Qorti, l-istess Onorabbli Qorti awtorizzat il-bejgh tal-proprjeta' tal-Barrani Company Limited lill-terzi offerenti mill-amministratur provvizorju". Dikjarazzjoni li fiha nnifisha xxejjen ghal kollox l-ewwel talba tac-citazzjoni.*

c) *Il-partijiet kollha kienu konsapevoli minn dan id-digriet.*

d) *L-amministratur mahtur mill-Qorti ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpannija Tal-Barrani Company Limited hareg l-offerti ghall-bejgh tal-art kif awtorizzat mill-Qorti*

e) *Is-socjeta Fenech Estates Company Limited kellha kull opportunita' li taghmel l-offerta taghha izda naqset milli taghmilha*

f) *Il-bejgh ta' l-art lis-socjeta Michael Axisa Limited kien regolarment awtorizzat mill-Qorti.*

g) *Li ma jirrizulta minn imkien fil-ligi li d-digriet moghti mill-Qorti fis-7 ta' Dicembru 2004 kellu jigi notifikat skond l-Art 173 tal-Kap. 12 Dan l-Artikolu ma kienx applikabbli ghal kaz odjern, u f 'kull kaz l-atturi kienu jafu bid-digriet li nghata mill-Qorti. Dan apparti l-fatt li ghar-rikors li gie pprezentat mill-bank konvenut, kien hemm twegiba min-naha tas-socjeta attrici Fenech Estates Company Limited li qablet li l-art tinbiegh. Inoltre, jekk kif qeghda tghid kellha nteress fl-ezitu ta'dan ir-rikors kellha obbligu li ssegwi x' kien qieghed jigri*

h) *Tant l-atturi kienu jaf, b'dak kollu li kien qieghed jigri li fit-8 ta' Frar 2005 ghamlu rikors sabiex il-Qorti tissospendi l-bejgh. Gustament dan ir-rikors gie michud mill-Qorti permezz ta' digriet moghti fl-1 ta' Marzu 2005.*

i) *Illi inoltre, l-atturi jew min minnhom kellhom kull opportunita' li jimpunjaw id-digrieti fl-istadju opportun u mhux jistennew sal-14 ta' Ottubru 2005 wara li kien sar it-trasferiment, biex jibdew kawza fil-Qorti. Ovvjament l-attur kien qieghed biss jilghab loghba ta' stennija, fis-sens li ried jara jekk l-art tidholx fl-iskema ta' SMEs ghaliex fin-nuqqas kellha valur baxx.*

j) *L-art inbieghet ghall-ahjar offerta li saret u dan fl-interess tal-kumpannija tal-Barrani Company Limited.*

k) *M'hemm xejn fil-ligi li jitlob li r-rikors ipprezentat mill-atturi fit-8 ta' Frar 2005 kellu jigi appuntat ghas-smiegh, u dan il-fatt fih innifsu ma jista' jkollu l-ebda effett fuq id-*

*digriet moghti fis-7 ta' Dicembru 2004 li permezz tieghu gie awtorizzat il-bejgh tal-proprjeta' in kwistjoni.*

*Bl-ispejjez kontra l-atturi minn issa ngunti in subizzjoni."*

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta konvenuta Michael Axisa Limited tat-13 ta'Jannar 2006 (a fol. 20 et seq.);

Rat in-nota t'eccezzjonijiet ta' Dr. Louis Cassar Pullicino bhala amministratur provizorju mahtur mill-Qorti ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija tal-Barrani Company Limited tas-17 ta'Jannar 2006 (a fol. 27 et seq) li taqra hekk:

1. *"Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, huwa ma ghandux r-rappresentanza gudizzarja tas-socjeta Tal-Barrani Company Limited. Skond il-ligi, amministratur provizorju ghandu biss is-setgha li jamministra l-assi tas- socjeta oltre dawk is-setghat l-ohra li tista' takkordalu l-Qorti f'cirkostanzi partikolari. B'danakollu id-diretturi tas-socjeta jibqghu igawdu d-drittijiet u poteri taghhom sakemm il-Qorti finalment tahtar stralcjarju. Konsegwentement is-socjeta Tal-Barrani Company Limited giet mharrka b'mod irritwali;*

2. *Illi fit-tieni lok u in linea preliminari ukoll, in-nuqqas ta' interess giuridiku ta' Michael Angelo Fenech proprio billi ma ghandu l-ebda locus standi fil- proceduri fallimentari indikati fil-korp tac-citazzjoni;*

3. *Illi fit-tielet lok u in linea preliminari ukoll, l-azzjoni hija irritwali ukoll peress illi Michael Angelo Fenech wahdu ma ghandux ir-rappresentanza gudizzjarja tas-socjeta Fenech Estates Company Limited u dan peress itli skond l-istatut tal-imsemmi socjeta tali rapprezentanza tispetta lil zewg diretturi;*

4. *Illi fir-raba' lok u in linea preliminari, f'kaz illi jirrizulta li qed tigi proposta 1-azzjoni minn Fenech Estates Company Limited qua azzjonista u fl-interess ta' Tal-Barrani Company Limited, ma hemm ebda raguni valida biex tigi avvanzata din il-kawza da parti tal-istess socjeta peress illi ma jirrizultawx ir-rekwiziti legali biex tigi ezercitata l-azzjoni derivattiva; semmai billi Michael Angelo Fenech huwa ukoll direttur ta' Tal-Barrani Company Limited u billi l-rapprezentanza gudizzjarja tal-istess socjeta hija vestita fi kwalunkwe direttur, setghet facilment tigi avvanzata l-azzjoni f'isem Tal-Barrani Company Limited, li hija l-unika socjeta li ghandha interess giuridika;*

5. *Illi fil-mertu l-esponent jirrespingi t-talbiet attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-esponent kien debitament awtorizzat mill-Qorti sabiex ibiegh il-proprjeta immobbli in kwistjoni u ma gew lezi ebda drittijiet tal-atturi kif allegat minnhom;*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta'Dr. Louis Pullicino bhala amministratur provizorju mahtur mill-Qorti ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija tal-Barrani Company Limited tas-17 ta'Jannar 2006 (a fol. 28 et seq.);

Rat in-nota t'eccezzjonijiet ta'HSBC Bank (Malta) plc tal-25 ta'Jannar 2006 (a fol. 31 et seq) li taqra hekk:

1. *Preliminarjament in-nullita tac-citazzjoni ghaliex ai termini ta' l-artikolu 222 tal-Kap 386 (l-Att dwar il-Kumpanniji) l-ebda att ghandu jinhareg kontra kumpannija li tkun qed tigi stralcjata mill-Qorti;*

2. *Preliminarjament u subordinatament u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit ai termini tal-artikolu 224 (2) tal-Kap 386 l-irritwaliti tal-proceduri ghaliex meta jkun*

*inhatar amministratur provvizorju ai termini tal-artikolu 228, l'ebda proceduri kontra l-kumpannija, f'dan il-kaz il-konvenuta Tal-Barrani Company Limited, ma jistghu jittiehdu jew jinbdew minghajr il-permess tal-Qorti u semmai tali proceduri jistghu jittiehdu biss wara tali approvazzjoni u taht dawk il-kundizzjonijiet li tista' timponi 1-istess Qorti.*

3. *Subordinatament u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda ghaliex Michael Angelo Fenech m' ghandux ir-rapprezentanza gudizzjarja tal-kumpannija Fenech Estates Company Limited u ghalhekk m'ghandux locus standi biex jagixxi ghan-nom ta' din il-kumpannija;*

4. *Subordinatament u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit Fenech Estates Company Limited m'ghandha l-ebda locus standi f'dawn il-proceduri in kwantu l-art in kwistjoni kienet proprjeta' tal-kumpannija tal-Barrani Company Limited;*

5. *Subordinatment u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit Michael Angelo Fenech personalment m'huwiex azzjonist tal-kumpannija Tal-Barrani Limited u ghalhekk m'ghandu l-ebda interess guridiku fil-proceduri li qed jittanta jinpunja.*

6. *Fil-mertu t-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjes ghaliex dak li qed jintalab huwa mertu ta' appell intavolat mill-attur et fl-14 ta' Novembru 2005 (Rikors 530/02JA);*

7. *Fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u kif ser jirrizulta mill-provi id-digriet tas-7 ta' Dicembru 2004 moghti mill-Qorti kien fil-fatt jawtorizza l-bejgh tal-proprjeta in kwistjoni u l-istess atturi kienu konsapevoli mill-import tad-digriet;*

8. *Fil-mertu it-talbiet huma vessatorji stante li mhux talli ma jirrizulta minn imkien fil-ligi li d-digriet moghti mill-Qorti fis-7 ta' Dicembru 2004 kellu jigi notifikat skond l-Art. 173 tal-Kap.12, imma talli fattwalment kienet l-istess Fenech Estates Limited li qablet mal-bejgh permezz ta' risposta fl-atti tar-rikors fuq riferit;*

9. *Fil-mertu wkoll m'hemm xejn fil-ligi li jorbot lil din l-Onorabbli Qorti tqieghed kull rikors ghas-smiegh specjalment meta tali rikors ikun vessatorju.*

*Bl-ispejjes kontra l-atturi minn issa ngunti in subizzjoni;"*

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta'HSBC Bank (Malta) plc tal-25 ta'Jannar 2006 (a fol. 33 et seq.);

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali tal-25 ta'Jannar 2006 (a fol. 36) li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament illi t-talbiet attrici kif diretti kontra tar-"Registratur tal-Qorti" huma nulli u bla effett inkwantu l-figura guridika tar-"Registratur tal-Qrati" ut sic illum ma ghadhiex aktar tissussisti stante li bis-sahha ta' l-Artikolu 7 ta' l-Avviz Legali 139 ta' l-2004 din il-kariga giet vestita fir-'Registratur, Qrati Civili u Tribunali", li ghandu l-mansjoni tieghu delegata limitatament skond l-imsemmi Avviz Legali 139 ta' l-2004;*

2. *Illi minghajr pregudizju ghas-suespost, ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali, mhux legittimu kontradittur f'din il-kawza u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu l-ilmenti maghmula mill-atturi u t-talbiet tieghu huma relattivi ghad-digtieti moghtija mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili u r-Registratur, Qrati Civili u Tribunali, kif illum huwa pacifiku fil-gurisprudenza ma ghandux ir-rappresentanza tal-Qrati u/jew tal-Gudikanti u/jew ta' l-operat taghhom u/jew tat-tifsir tad-digrieti jew ordnijiet taghhom u ghalhekk ma jistax, u m'ghandux jirrispondi ghad-digrieti u/jew ghall-interpretazzjoni ta' l-istess digrieti lamentati.*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali mhux responsabbli ghan-nuqqasijiet attribwiti lilu fir-rigward ta' nuqqas ta' notifika tad-*

*digrieti lamentati. Semmai huma responsabbili dawk fost il-partijiet li kienu legalment u fattwalment tenuti li jsegwu l-proceduri de quo u li jaraw li jsir dak kollu mehtieg sabiex il-procedimenti gudizzjarji de quo li jitkomplew, jitmexxew u li jigu segwiti skond il-ligi.*

4. *Illi dak allegat mill-atturi fit-tieni talba taghhom fir-rigward tad-disposizzjonijiet l-artikolu 173 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta mhux applikabbli f'dal-kaz. Izda anke jekk gratia argomenti huwa applikabbli, tali artikolu ma jikkreja ebda obbligu tassattiv fil-konfront ta' l-eccipjenti, in kwantu jaghti setgha lill-Qorti li tuza dak il-mezz stabbilit fl-imsemmi artikolu, minghajr ma jigi mahluq obbligu tassattiv fuq il-Qorti jew ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali. F'dal-kaz, il-Qorti ghazlet li ma tati ebda ordni lir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali li jinnotifika lill-partijiet bil-mezz ordinarju jew bil-mezz specjali imsemmi fl-istess artikolu.*

5. *Illi fi kwalunkwe kaz, l-eccipjenti jtenni li mhux minnu li l-atturi baqghu injari bid-digrieti de quo; u jekk verament baqghu injari, tali nuqqas huwa attribwibbili unikament lilhom; u fi kwalunkwe kaz mhux minnu li l-atturi baqghu injari in kwantu mill-atti jirrizulta li l-atturi kienu hadu konjizzjoni tal-process de quo, u hadu sehem attiv fil-proceduri de quo u dawk sussegwenti kif jidher ampjament mill-atti processwali infushom.*

6. *Illi d-digrieti de quo jinsabu fl-atti u ghalhekk kienu disponibbili ghall-kull parti interessata li tarahom.*

7. *Illi inoltre mhux minnu li d-digriet tas-sebgha (7) ta' Dicembru 2004 ma giex registrat fir-registru tar-rikorsi. Anzi kien gie registrat kif jidher mill-kopja legali li tieghu qed tigi annessa kopja legali u markata bhala dokument ittra " A" .*

8. *Illi l-eccipjenti bl-ebda mod ma kienu partecipi fil-fatti li taw lok ghall-proceduri ta' bejn il-partijiet, kemm dawk lamentati kif ukoll dawk li precedewhom u bl-ebda mod ma kien kompartecipi f'manuvri kontra jew vantaggi favur xi parti kif allegat mill-atturi li ghal tali stqarrijiet l-istess eccipjenti qieghed izommhom minn issa responsabbli u jirrizerva li jiehu l- azzjonijiet opportuni.*

9. *Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici huma fil-meritu infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta mill-provi li ser jigu prodotti f' dal-kaz;*

10. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali tal-25 ta'Jannar 2006 (a fol. 39 et seq.);

Rat id-digriet tas-17 ta' Frar 2006 fejn innominat lil Dr. Yvette Cassar bhala Assistent Gudizzjarju;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-Bank konvenut HSBC Bank (Malta) plc tat-3 t'Awwissu 2012 (a fol. 827 et seq.);

Rat in-nota ta'sottomissjonijiet ta'Michael Axisa u LayLay Company Limited tat-13 t'Awwissu 2012 (a fol. 883 et seq.);

Rat in-nota t'osservazzjonijiet ta' Fenech Estates Comapny Limited [C3634] tas-26 ta'Settembru 2012 (a fol. 903 et seq.);

Rat in-nota t'osservazzjonijiet responsiva tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali tal-15 ta' Novembru 2012 (a fol. 915 et seq.);

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-atturi tat-30 ta'Mejju 2013 (a fol. 924 et seq.);

Rat ir-replika tal-bank konvenut HSBC Bank Malta plc tal-20 ta' Gunju 2013 (a fol. 930 et seq.)

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Lay Lay Comapny Limited u Michael Axisa Limited tal-20 ta' Gunju 2013;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Fid-digriet ta' din il-Qorti kif diversament, datat 17 ta' Frar 2006 a fol. 358, il-Qorti ordnat li jingiebu provi dwar :

1. Eccezzjoni numru tlieta u erbgha ta' Lay Lay Co. Limited;
2. Eccezzjoni numru tlieta u erbgha ta'Michael Axisa Limited;
3. Eccezzjoni numru tlieta ta' Dr. Cassar Pullicino; u
4. Eccezzjoni numru tlieta u erbgha ta'HSBC – Vide fol. 359.

L-attur proprju et nomine permezz ta' nota ezebew MAF1 , MAF85 Vide fol. 54  sa 357.

L-HSBC ezebew kopja ta’ resoluzzjoni u Memorandum and Articles of Association Dok. FE1 a fol. 369 ta’ Fenech Estates Company Limited.

Is-socjeta’ intimata, Michael Axisa Limited pprezentat kopja legali tal-kuntratt t’akkwist datat 18 ta’ Marzu 2005 fl-atti tan-Nutar Dr. Carmelo Mangion a fol. 378 et seq, akkwist tal-art Ta’ Kalamija ghal prezz ta’ Lm 405,000.

L-bank intimat ezebixxa kopja tal-memorandun and Articles of Association ta’ Fenech Estates Limited – Vide fol. 398 et seq.

Michael Angelo Fenech a fol. 396A et seq, xhed illi hu personalment ma kellux shares fis-socjeta’ tal-Barrani Limited.

Rosemarie Vella, a fol. 399 in rapprezentanza tar-Registratur tal-Qorti ezebit Dok. RM1, kopja ta’ citazzjoni 584/89 u s-subbasta ta’ Concrete Works Limited.

Dr. Claudette Fenech a fol. 401 ezebiet kopji formali ta’Memorandun and Articles of Association ta’: Fenech Estates Company Limited ; Nazzareno Fenech Limited; Car Care Products Limited; Lub Oil Manufacturers Company Limited; u Fopblend Limited – Vide Dok RM2 a fol. 403.

Michael Axisa a fol. 427 xhed illi huwa ma jafx jaqra u u ma jifimx bl-Ingliz. Huwa xhed illi kien mar ghand ic-Caqnu, ha pjanta mieghu, u qasam l-art in kwistjoni fi plots u li Kelly ma kienx attenda ghal-laqgha. Huwa sostna li kien kellem in-Nutar Carmelo Mangion li nformah li Kelly ried xi Lm160,000 ohra fuq il-prezz miftiehem li ma kellhomx jidhru fil-kuntratt. Ghalhekk Axisa rega kellem lic-Caqnu biex jara jekk kienx ghadu interessat. Ic-Caqnu kien tal-

fehma li l-art inkwistjoni setghat tidhol fl-iskema tal-SMEs u li ghalhekk ma kienet tiswa xejn. B'referenza ghall-iskrittura a fol. 120, Axisa xhed illi l-konvenju kien sar minn Nutar Carmelo Mangion. Axisa nnega li qatt ra dan id-dokument. Axisa innega ukoll li l-konvenju a fol. 211 redatt minn Nutar Mangion, gie inbidel fuq struzzjonijiet tieghu. Axisa xhed illi kieku il-bejgh sar bil-prezz mahsub, l-ammont ta' Lm150,000 kien ser jigi diviz bejnu u Polidano. Axisa kkonferma li Michael Fenech u Richard Camilleri kien jkun prezenti ghal laqghat u kienu jafu Kelly li kien ser jiehu Lm30,000 biss a fol. 431. Axisa ikkonferma wkoll illi apparti l-persuni msemmija, kienu jkunu prezenti Dr. Ellul u Profs Refalo u Alfred Fenech.

Anton Camilleri a fol. 441 et seq. xhed illi li sar jaf minn Profs Refalo li l-art tal-Kalamija f'Tal Barrani kienet ghal bejgh u kkontatja lil Kelly Camilleri . Xhed illi gie mitlub jaghmel offerta tieghu bil-miktub u jikseb garanzija bankarja . Huwa ta' l-offerta tieghu u l-garanzija bankarja lil Dr. Cassar Pullicino izda ma rcieva ebda risposta, a fol. 442.

Regghu gew ezebiti il-Memorandun and Articles of Association tas-socjetajiet Fenech Estates Limited Dok. MF1, li jinsab a fol. 474; Dok. MF2 l-awtorizzazzjoni ta' Micheal Angelo Fenech biex jirraprezenta s-socjeta' Fenech Estates Company Limited skond il-laqgha tal-Bord tad-Diretturi tas-16 t'April 1991 a fol.491; u Dok MF3 a fol. 492 rezoluzzjoni straordinarja tad-Diretturi ghal-istess ghan; Dok. MF4 , Memorandun and Articles of Association ta' Fopblend Limited a fol. 493; Dok. MF5 Memorandun and Articles of Association ta' Car Care Products a fol. 504.

Mill-affidavit ta' Dr.John Refalo a fol. 522 et seq jirrizulta fit-3 ta' Novembru 2004 il-Qorti akkordat xahar zmien biex jintavolaw risposta ghar-rikors tal-bank attur datat 27 t'Ottubru 2004, u ghaxart ijiem biex jaghmlu nota u jindikaw jaqblux mat-talba imqanqla fir-rikors imsemmi.

Il-Kawza giet differita ghal-kontinwazzjoni ghad-29 ta' Novembru 2004, b'intendiment li l-partijiet jitrattaw verbalment.

Fid-29 ta' Novembru 2004 il-kawza giet differita ghat-18 ta' Frar 2005 minghajr ma saret is-seduta, u l-Qorti degretat ir-rikors minghajr ma semghet it-trattazzjoni orali fuq il-meritu.

Fl-1 ta' Frar 2005 Dr Refalo ircieva ittra datata 28 ta' Jannar 2005 minghand Dr. Cassar Pullicino, amministratur provvizorju, li fiha l-kumpanija Fenech Estates Limited kienet qed tigi mistiedna tezercita dritt ta' preferenza fi zmien erbgha u ghoxrin siegha bil-kundizzjonijiet:

1. Li l-offerta tkun akkompanjata b'garanzija bankarja ghal 30% tal-valur;
2. Li l-offerta tkun iffirmata mid-Diretturi kollha ta' Fenech Estates.

Dr. Refalo kkomunika Dr. Cassar Pullicino, nformah li l-klijent tieghu ma kienx ghadu gie notifikat bl-ittra u li ma kienx qieghed jilqa' notifika ghal klijent tieghu. Dr. Cassar Pullicino qabel li kellu jistenna li jigi notifikat Michael Angelo Fenech.

Fit-2 ta' Frar 2005 Michael Angelo Fenech qua Direttur ta'Fenech Estates Limited ircieva l-ittra indikata u avza lill-amministratur li kien ser jaghmel offerta sabiex jikseb garanzija bankarja. Dr. Refalo xhed li l-attur Michael Angelo Fenech kien ghamel arrangamenti sabiex jiffinanzja l-art minn Fenech Estates u jikseb il-garanzija bankarja. Abbazi ta' dan l-arrangament Fenech Estates setghat toffri Lm45,000 aktar minn dak offrut minn Michael Axisa Limited. Wara dewmien mhux mistenni inharget il-garanzija.

Fit-2 ta' Frar 2005 Dr. Richard Camilleri avza lil Alfred Fenech ma ridtx jiffirma l-offerta ta' Fenech Estates.

Dr. Refalo u Profs Refalo kellmu lil Dr. Cassar Pullicino li ser jigi presentat rikors – cioe' dak tat-8 ta' Frar 2005 li gie debitament degretat f'Marzu 2005.

Fit-3 ta' Frar, l-amministratur qallu li ma kien gie ffirmat ebda konvenju u li ser jiehu direzzjoni tal-Qorti.

Sat- 22 ta' Marzu 2005 ma kien jidher xejn fuq il-ktieb tar-rikors, cioe' ebda digriet.

Skoprew li l-konvenju gie ffirmat fit-3 ta' Frar 2005 fejn jidher li ma kienux ghaddew il-erbgha u ghoxrin il-siegha.

Fil-11 ta' Frar 2005 talab trattazzjoni fuq r-rikors tat-8 ta' Frar 2005 fil-presenza ta' Dr. Cassar Pullicino.

Il-kuntratt gie ffirmat fit-18 ta' Marzu 2005. Fit-22 ta' Marzu 2005 rikors gie michud.

**L-amministratur provvizorju rrifjuta l-offerta ta' Lm450,000 stante li Alfred Fenech ma kienx iffirmaha.**

L-amministratur provvizorju iltaqa ma *shareholders* u dirigenti tal-kumpanija, u hlief ghad-diskussjoni hawn imsemmija ma ltaqax mal-attur.

HSBC Bank Malta plc ezebixxa hames kuntratti fl-atti tan-Nutar Carmelo Mangion datati:

1 t'Awwissu 1984 a fol. 526;

14 ta' Mejju 1985 a fol. 535;

13 ta' Jannar 2003 a fol. 541;

18 ta' Marzu 2005 a fol. 547; u

2 t' Ottubru 2007 a fol. 562.

Profs Refalo a fol. 575, xhed illi fil-kors tal-kawza 530/2006 fl-ismijiet HSBC Bank Malta Plc u tal-Barrani Company Limited, kien hemm kwistjoni ta' bejgh ta' proprjeta' u ta' offerti. Huwa sostna li kien hemm diffikoltajiet minhabba l-garanzija bankarja tal-offerent Anton Camilleri minkejja li dan kellu flus fil-bank.

Profs Refalo mill-memorja jiftakar li kellem lil Dr. Cassar Pullicino fil-5 u 7 ta' Frar 2005.

Profs Refalo xhed illi kien hemm problemi bejn Alfred Fenech u Kelly Camilleri.

Profs Refalo xhed li l-offerta ta' Camilleri u l-garanzija fuq l-ghemil tal-offerta u fuq il-kwistjoni ta' rapprezentanza tas-socjeta' l' ghaliex Kelly kien qed jippretendi li kellu rapprezentanza u seta' jaghmilha wahdu, waqt li Alfred Fenech ma qabilx ma din il-posizzjoni ***"l-offerta ma nahsibx li effettivament wasalna biex fizikament ghamilniha jekk niftakar sew."-*** fol. 577.

Profs Refalo afferma li d-diskussjoni ma Dr. Cassar Pullicino kienet fis-sens li huwa kien qed jdahhal offerta u li din kellha tigi kunsideratra mal-offerti l-ohra.

*"Il-kwistjoni kienet dwar il-firma jew in-nuqqas ta' firma ta' Alfred* (Fenech)" – Vide fol 578.

Profs Refalo xhed ili l-offerta setghat ma dahlitx fiz-zmien, u li hu kien qed jinsisti ma Dr. Cassar Pullicino li jkun hemm digriet tal-Qorti.

***"...l-offerta bil-miktub ma saritx minhabba r-rifjut tad-Direttur l-iehor tal-istess socjeta' li iffirmaha u filfatt probabbilment saret offerta semplici minn Kelly biss"*** a fol. 381. Vide ittra ufficcjali a fol 102 datata 25 ta' Frar 2005.

Profs Refalo xhed illi ma kienu gew intavolati ebda Mandat t'Inibizzjoni u li r-rikorsi li saru jinsabu fl-atti – a fol. 582.

Dr. Eric Mamo a fol. 585 exebixxa Dok. EM1 a fol. 587 estratt tar-ricerki u interpretazzjoni tar-ricerki kollha fir-rigward tal-Barrani Company Limited.

**A fol. 650 Michael Angelo Fenech ezebixxa Dok. XY1 rezoluzzjoni ta' Fenech Estate Company Limited datata 26 ta' Frar 2009**.

Huwa xhed li l-kumpaniji Fenech Estates Limited; Tal-Barrani Limited ; Tor Limited; u Luqa Developments Limited kellhom dejn mal-HSBC. Huwa stqarr li fi 1984 inghata *overdraft* ta' Lm200,000 lil Tal-Barrani b'garanziji moghtija minn tlett gruppi ta' garanti: cioe il- grupp ta' Piju Camilleri; il-grupp ta' Axisa u l-grupp ta' ahwa Fenech. Il-facilita' kienet ta' self ta' Lm 170,000 u Lm30,000 *overdraft facility*.

Michael Axisa u Piju Camilleri kienu garanti ghal Lm67,500 kull wiehed u Fenech Estates kienet ghal Lm 79,500.

Il-garanziji kienu in solidum mal-*principal debitor* u bejniethom. Il-garanti kienu responsabbli ghall–ammont dikjarati fil-*guarantee forms.* Dr. Mamo xhed li in segwitu ta' proceduri ghal hlas, huwa beda proceduri ghax-xoljiment tas-socjeta Tal-Barrani u sussegwentement tas-socjeta' Fenech Estates Limited. Wara diversi snin Micahel Axisa u Piju Camilleri hallsu s-somma a saldo tal-*liability* taghhom bhala garanti u kienu surrogati fid-drittijiet tal-bank kontra Tal-Barrani Limited. Fenech Estates ma kienux interessati f'din.

Meta tkomplew il-proceduri ta'likwidazzjoni, kien hemm biza' li Fenech Estates Limited tigi mmexxija minn Amministratur u ghalhekk ddecidew li jbieghu il-proprjeta' u bil-flus jhallsu djun ta' Fenech Estates lil Nazzareno Fenech Limited u d-dejn bhala garanti Tal-Barrani.

Fenech Estates Limited, hallsu *under protest* ghaliex ma accettawx li kienu garanti ghal Lm79,500 a fol. 652.

Dr. Mamo afferma li biex jigu surrogati fid-drittijiet tal-bank, Fenech Estates Limited ma setgux jhallsu *"under protest"*

Il-kawza ta' xoljiment ta' Fenech Estates giet ceduta.

Il-bank kien rcieva il-pretensjonijiet kollha minghand Fenech Estates Limited, pero, jista' jkun hemm xi clain ghall-ispejjez ta' dik il-kawza.

Recentement l-bank intimat zbanka l-ammont ta' €396,000 b'obbligu li dan jerga jigi depozitat. Mid-dejn li kellha is-socjeta' Tal-Barrani Ltd, jibqa' Lm4,000 u l-ispejjez tal-kawza.

Dr. Eric Mamo xhed illi meta kien qed jara il-*file*, l-art inkwistjoni kienet ghal bejgh sa minn 1988 u kien dejjem Michael Angelo Fenech li ostakola l-bejgh tal-art – vide fol. 653. L-offerti ghax-xiri ta' din l-art, fallew ghaliex il-kumpanija setghat timxi biss bi tlett firem tad-Diretturi u Michael Angelo Fenech qatt ma ffirma.

Mistoqsi fuq l-offerta ta' xiri tal-art minn Polidano, Dr. Mamo xhed li qatt ma kien prezenti biex jisma din l-offerta.

Xhed illi kienu saru hafna negozjati fit-tul fuq l-art u li Michael Angelo Fenech kien qed jippretendi li jiehu rigal biex jiffirma il-konvenju, u li dan jirrizulta mill-affidavit ta' Generoso Zammit.

Dr. Mamo xhed li kienet saret applikazzjoni biex din l-art tigi zviluppata taht l-Small Enterprise Scheme.

L-art ma kienitx ser tigi inkluza fl-iskema stante li kien hemm il-proceduri ta' xolijiment tas-socjeta' Tal-Barrani.

L-art taht l-iskema ta' SME kienet ser ggib prezz ferm aqwa milli jekk tinbiegh lil terz u allura gie ntavolat rikors lil Qorti u l-Imhallef laqgha t-talba u awtorizza il-bejgh.

Rigward l-offerta li ried jaghmel Anton Camilleri, jirrizulta li dan m'ghamilhiex fl-ewwel stadju u ghamilha fit-tieni stadju meta l-offerti kienu magluqa ghal terzi. Anton Camilleri informah li kienu qalulu li ma setghax jaghmel l-offerta ta' inqas minn Lm750,000 u li kien hemm bzonn ukoll garanzija *performance bond.* Il-garanzija ta' Anton Camilleri ma kienitx tajba ghaliex kienet garanzija li jithallas parti mill-prezz jekk jsir il-bejgh, meritu tal-offerta. *Performance bond* ghal kuntrarju hi intenzjonata li jekk offerent jaghmel offerta u ma jonorahiex, il-bank jiehu l-flus.

Profs Refalo insista li tinhareg il-garanzija fuq parti mill-prezz u allura hekk harget.

Dr. Mamo xhed li kienu saru aktar minn offerta wahda ghall-a in kwistjoni, pero' l-uniku offerta li kienet tikkwalifika skond id-digriet tal-Qorti kienet dik ta' Lm405,000 ta' Michael Axisa.

Dr. Mamo xhed li huwa dejjem halla f'idejn l-Istraljarju u qatt ma ndahal fl-operat tieghu.

Huwa stqarr li Fenech Estate Limited kienet garanti ghas-somma ta' Lm54,500 u ta' Lm25,000 li garanzija flimkien ma LayLay Company Limited. Dr. Mamo ikkonferma li dwar l-*exposure* ta' LayLay Company Limited fuq din l-ahhar garanzija l-bank kien wasal ghal ftehim ma l-istess kumpanija.

Infatti fit-13 ta' Jannar 2003 fl-atti Nutar Charles Mangion, Michael Axisa ghal Lay Lay Company Limited hallas lil bank s-somma ta' Lm145,000 waqt li Piju Camilleri personalemt ukoll hallas somma ulterjuri ta' Lm145,000. B'dawn il-hlasijiet huma gew surrogati fid-drittijiet tal-bank u nghatghu paripassu *ranking* mal-bank.

Il-figura ta' Lm290,000 kienet somma negozjata u mhux somma mahduma matematikament , vide xhieda a fol. 657.

Dr. Eric Mamo a fol. 663 xhed illi fis-16 t'Ottubru 2002 l-art kienet giet stmata Lm1,000,080 kif jirrizulta minn Dok. B1. Di piu Dok. B2 hija stima ghal Lm800,000 fuq l-istess art li saret qabel il-procedura ta' bejgh. Dr Mamo ezebixxa ukoll diversi korrispondenza (Dok. B3) li juru l-attentati sabiex jintlahaq ftehim dwar id-dejn tas-socjeta' Tal-Barrani.

Dr. Eric Mamo xhed illi meta jkun hemm dizgwid serju bejn id-Diretturi tas-socjeta u fejn hemm proceduri ta' xoljiment 'l ghaliex d-diretturi ma jaqblux bejniethom, il-bank ma ridtx li jkun hemm offerta ta' Direttur wiehed li ma tigiex onorata minhabba dan l-istess dizgwid.

Dr. Mamo xhed li l-bank gabar is-somma ta' €400,000 minghand is-socjeta' Tal-Barrani. Dr. Mamo xhed li Dr. Cassar Pullicino kien gie inkarigat u li kull tant kienu jcemplulu biex jara dahhlitx xi offerta. Xhed illi kienet dahhlet offerta ta' Lm250,000 minn xi hadd li kellu impjant fil-vicin u l-offerta t'Axisa ghal Lm405,000.

A fol 665 *"L-azzjonisti kellhom dritt li jaghmlu l-offerta taghhom fi stadji differenti. Fl-istadju ta' wara kien cempillu Anton Camilleri u kien qalli li xtaq jaghmel offerta u ghidtlu issa tard wisq ghaliex m'ghamilthiex qabel"*

Fl-affidavit tieghu l-attur Michael Angelo Fenech a fol. 687 et seq, ezebixxa Dok. FE a fol. 695 verbali tas-seduti tat-3 ta' Novembru 2004; u li s-seduta tad-29 ta'Novembru 2004 giet differita ghat-18 ta' Frar 2005 – Vide Dok. FE2 a fol. 696.

Fl-1 ta' Frar, Dr. Refalo rcieva ittra minghand Dr. Cassar Pullicino datata 28 ta' Jannar 2005 fejn Fenech Estate Company Limited giet mistiedna tezercita dritt ta' preferenza fi zmien erbgha u ghoxrin siegha liema offerta kellha tkun akkompanjata minn garanzija bankarja ghal 30% tal-offerta. Wara telefonati, ta' Dr. Cassar Pullicino stqarr li kien ser jistenna sakemm jigi notifikat Michael Angelo Fenech liema notifika saret fit-2 ta' Frar 2005.

Huwa xhed illi Anton Camilleri ghamel offerta ta' 450,000 u minkejja tfixkil tal-bank harget ukoll il-garanzija – vide MAF48 a fol. 197.

Dr. R Camilleri fit-2 ta' Frar 2005 avza lil Profs Refalo li Alfred Fenech ma ridtx jiffirma l-offerta ta' Fenech Estates Limited.

Aktar tard, Dr. John u Profs Refalo kellmu lil Dr. Cassar Pullicino b'dak li kien qed jigri u li kien ser jintavolaw ir-rikors. Ir-rikors sar fit-8 ta' Frar 2005 (Dok. Maf48 – a fol. 193 u gie degretat fl-1 ta' Marzu 2005).

Michael Angelo Fenech xhed li huwa kien fehem li l-amministratur provvizorju ma kienx se jiffirma l-konvenju qabel jiehu direzzjoni tal-Qorti.

Fenech xhed li ma kien jidher ebda digriet sat-22 ta' Marzu 2005 – Vide Dok. MAF51 a fol. 201 u Dok MAF52 a fol. 202.

Jidher pero illi l-konvenju kien gie ffirmat minn Amministratur Provvizorju fil-3 ta' Frar 2005 (Dok. MAF32), meta l-erbgha u ghoxrin siegha moghti lilu kienu ghadhom ma skadewx u l-kuntratt finali gie ffirmat fit-18 ta' Marzu 2005 – Vide Dok. MAF33 a fol. 150.

Di piu meta sar il-konvenju dan kien soggett ghal kondizzjonijiet li assogettat il-kunsens tal-kompratur ghal ftehim mal-bank.

L-attur xhed (a fol 691 et seq) illi likwidatur bhala avukat tal-bank kreditur f'diversi kawzi, ghalhekk seta' jinholoq konflitt t'interess. Di piu' il-bank kien ghamel surrogi u posponiment li kien ta' pregudizzju kbir ghas-socjeta' li jirraprezenta hu, stante li din kellha thallas aktar minn dak dovut minnha. In oltre l-persuna li xtrat il-proprjeta'kienet socju tas-socjeta' principali f'Tal Barrani Limited – cioe' Michael Axisa u Lay Lay Company Limited minnu kontrollata.

L-attur sostna li l-fatt li l-offerta tieghu ma kellhiex il-firem tad-Direttur l-ohra ***"ma ghandha ebda riskontru fil-ligi"*** (Vide para 22 a fol. 692), 'l ghaliex kellha tigi ffirmata biss minn min kellu raprezentanza guridika. Ghalhekk giet rifjutata offerta ta' Lm450,000 li kienet teccedi l-offerta ta' Lm405,500 minghajr ma ttiehdet decizjoni tal-Qorti.

Minkejja li gie dikjarat li jekk il-konvenju ma sehhx sat-3 ta' Frar 2005, l-offerta kienet ser tigi rtirata, Dok. MAF6 a fol. 101 juri li l-garanzija bankarja kienet valida sa l-1 ta' Marzu 2005.

L-attur Fenech xhed illi l-amministraturt rrifjuta offerta aqwa minkejja li din ma kienitx fl-interess tal-kumpanija u ma koprietx d-dejn shih.

Di piu' l-avvizi hargu fis-27 ta' Dicembru 2004 u 3 ta' Jannar 2005 meta bosta nies jiehdu l-vaganzi.

L-attur nnega li saru laqghat mieghu, ghalkemm l-amministratur jghid li saru laqghat mas-*shareholders* u dirigenti tal-kumpanija.

L-attur xhed illi l-garanzija ta' Fenech Estates ghad-djun tas-socjeta tal-Barrani kienet ghal Lm67,000 li jfisser kwart u mhux ghal terz tad-dejn ta' din is-socjeta' apparti *bank charges* u interessi.

Fl-affidavit a fol. 758 sostna li Fenech Estates Limited kellha *exposure* biss ghal Lm67,000 u li garanti ghall-istess ammont kien hemm Lay Lay Company Limited (Michael Axisa); Tor Developments (Piju Camilleri); Luqa Developments (Piju Camilleri) – Vide kuntratt tal-1 t'Awwissu 1984 a fol. 526.

Gara pero li b'efett ta' diversi kuntratti sussegwenti, Michael Axisa ssostitwixxa diversi proprjetajiet izda baqa' garanti ghal Lm67,000 u kien hemm garanzija personali oltre solidament ma Fenech Estates ghal Lm25,000.

Michael Angelo Fenech xhed illi l-bank ma kienx konsistenti fit-trattament tal-garanti u pprefera u ta' vantagg lil Michael Axisa.

L-attur xhed li l-bank ta' vantaggi ukoll lil Piju Camilleri 'l ghaliex ta skont ta' 50% stante li Camilleri kellu jhallas Lm67,000 inkluz l-interessi li ammontaw ghal Lm145,000 ghall **kull wahda mill-kumpaniji tieghu u mhux ghal wahda biss**.

Illi b'hekk jidher illi l-attur gie pregudikat 'l ghaliex ma ngabrux Lm145,000 ohra minghand il-garanti Piju Camilleri u ngabaru Lm 30,000 biss minghand Fenech Estates Limited biss meta Lay Lay Company Limited kellha thallas nofs Lm25,000.

Illi skond il-konteggi li jidhru a fol. 760 il-bank seta gabar il-flus kollha minghand il-garanti u b'hekk l-art in kwistjoni ma kienx ikollha tinbiegh.

Di piu' il-bank kien illegalment trasferixxa mill-kont bankarju ta' Fenech Estates Limited, s-somma ta' Lm2,368.76 u li ghalhekk l-uniku somma dovuta kienet Lm67,000 li minnhom jrid jithallas Lm2,368.76.

Eventwalment wara li sar hlas fit-12 t'Ottubru 2007, dan sar minghjar pregudizzju kif jidher minn fol. 760-761. Michael Angelo Fenech jinnega li kien mblokka kull opportunita' li jsir il-bejgh tal-art.

Di piu' jsostni li Lm67,000 b'interessi ta' 8% mit-23 ta' Settembru 1988 sat-13 ta'Jannar 2003 jammontaw ghal Lm143,670.

Fl-affidavit a fol. 763, Dr. Eric Mamo spjega il-kuntratt ta' self u *overdraft* li s-socjeta' Tal-Barrani skond il-kuntratt tal-1 t'Awwissu 1984 fl-atti ta' Dr Mangion ghall-ammont ta' Lm200,000 Dok. A.

Skond skrittura privata Dok. B dahhlu garanti Concrete Works Limited ghall-ammont shih.

Skond Dok. C dahhlu garanti Fenech Estates Limited ghal Lm54,500; LayLay Company Limited ghal Lm25,000 Dok.D; permezz tal-istess Dok. D, Fenech Estates Company Limited dahhlu garanti wkoll ghal dan l-ammont ta' Lm 25,000.

In forza tal-kuntratt tal-1 t'Awwissu 1984 s-socjetajiet Fenech Estates Limited ; Lay Lay Limited; Tor Developments Limited; Luqa Developments Limited kkostitwew ipoteki specjali (mhux generali) fuq diversi proprjetajiet tal-istess socjetajiet ghall-ammont ta' Lm 67,000.

In forza ta' kuntratt iehor fl-atti tan-Nutar Mangion 14 ta' Mejju 1985 Michael Axisa garanti ghal Tal Barrani kkostitwixxa ipoteka specjali ghal Lm130,000 fuq proprjeta' tieghu u ohra ghall-ammont ta' Lm41,000 fuq proprjeta' ta' Fgura Developments Company Limited.

Illi ghalhekk jirrizulta zewg tipi ta' garanziji moghtija, dawk permezz ta' ipoteka specjali fil-kuntratt originali tal-1 t'Awwissu 1984 u d-dritt ta' preferenza lil Bank u dawk moghtija bi skritturi privati li gew moghtija ***"in addition to and not to prejudice or be prejudiced by any other security"***

Il-bilanc tal-facilitajiet bankarji moghtija lil Tal Barrani lahaq s-somma ta' Lm264,528 oltre imghaxijiet bi 8% mit-23 ta' Settembru 1988.

Is-socjeta' Tal-Barrani kienet fformata b'tali modd li ma seta' jsir xejn minghajr kunsens tad-Direttur appuntat minn kull wiehed mit-tlett gruppi u cioe il-grupp Camilleri, t' Axisa, u ta' Fenech. *"Michael Angelo Fenech dejjem sfratta kull attentaat biex tissolva din il-kwistjoni"* (a fol. 766)

Il-bank kien wasal ghal ftehim ma Axisa u Camilleri u l-kawza tkompliet kontra Fenech Estate Limited.

Gie ezebit prospett aggornat , Dok. F, tal-bilanc dovut u cioe' Lm264,528 – oltre 8% interessi li jammontaw Lm106, 863.69 sal-24 ta' Settembru 2007.

Pju Camilleri u Axisa kien hallsu s-somma ta' Lm145,000 kull wiehed. Ghalhekk il-kawza 530/2002 kienet ceduta fil-konfront ta' Axisa u ta' Camilleri u baqghet fil-konfront ta' Fenech Estates.

L-uniku eccezzjoni rimanenti ta' Fenech Estates limited kienet li l-ammont dovut kien Lm67,000 mhux Lm79,000 u dwar l-imghax compost, li seta' jinhadem imghax kompost sad-data tal-*call in*.

Michael Angelo Fenech a fol. 790 xhed li kien azzjonista fis-socjeta' Fenech Estates u sussegwentement rrezenja. Muri l-ittri mibghuta minn Dr. Alex Perici Calasione u Dr. Matthew Brincat ghan-nom tieghu, sostna li dawn kienu l-avukati tieghu f'xi zmien u x'aktarx intbaghtu fuq inkarigu tieghu.

Michael Axisa Limited permezz ta' nota a fol. 792 pprezenta Dok FE1 rezoluzzjoni mehuda fil-4 t'April 1994 li biha Michael Fenech ID 360666(M) inghata r-rapprezentanza guridika tas-socjeta' Fenech Estates Company Limited; Dok FE2, Form K datata 4 t'April 1994 Dok. FE3 u Dok. FE4 a fol. 795 ittra ufficcjali li permezz taghha Michael Angelo Fenech informa lir-Registratur tas-Socjetajiet fl-MFSA li l-Form K u rezoluzzjoni tal-Extraordinary General Meeting kienu saru abbusivament u illegalment – vide fol. 795 u 796.

Michael Angelo Fenech in kontro-ezami a fol. 806 mitlub jghid b'liema awtorita' kien agixxa ghan-nom ta' Fenech Estates bhala azzjonist ta' Tal Barrani Limited xhed li huwa minn dejjem ha hsieb tal-kawzi tal-Qorti u ghamel referenza ghal Dok XY1 a fol. 659 u Dok MF2 a fol.491 u MF3 a fol. 492.

Ikkonferma li Dok. MF3 a fol. 492 sar wara li nbdiet il-kawza u li Dok. XY1 li jgib d-data 2009 sar ukoll wara li nbdiet il-kawza odjerna.

Michael Angelo Fenech ma qabilx li huwa ma kellux l-awtorita' li jirraprezenta s-socjeta' Fenech Estates Limited fiz-zmien li giet inzjata l-kawza , izda li r-rezoluzzjoni saret biex tirratifika dak li ghamel u saret "*extra*" – vide xhieda a fol. 808.

Ivan Camilleri Manager fi hdan MFSA xhed li ser jezebixxi kopja ta' dokumenti kolllha li kellhom fil-*file* tas-socjeta' Fenech Estates Company Limited.

Michael Angelo Fenech a fol. 811 A xhed li l-kawzi li kellu ma huh gew ceduti nkluz dawk ghal stralc tas-socjeta' Fenech Estates Limited. Fenech ma qabilx li allura ma kellux l-awtorizzazzjoni biex jippromovi l-kawza odjerna, anzi xhed li huh kkonferma dan permezz ta' resoluzzjoni bil-miktub. Mitlub jghid kellux xi impediment biex jattakka d-digriet tal-Qorti fil-kawza 530/2002, Fenech xhed li hu qaghad fuq il-pariri tal-avukat tieghu.

Michael Angelo Fenech fil-kontro-ezami a fol. 815 afferma li huh Alfred Fenech kien beda proceduri ta' xoljiment ta' Fenech Estates Company Limited izda qatt ma gie nominat likwidatur u l-awtorizzazzjoni biex jirraprezenta l-kumpanija fil-Qorti qatt ma giet rtirata.

Rinfaccat b'ittra ufficjali datata 7 ta'Lulju 1999 li biha kkontesta l-Form K u cioe' li ma kienx Direttur ta' tali socjeta', Michael Angelo Fenech jghid li dan ma jfissirx li ma kellux rapprezentanza guridika tal-istess socjeta' – vide fol. 818. Din il-kawza ghada pendenti - *"ghaddejja ghar-ragunijiet li hemm fic-citazzjoni. Imbaghad kont sirt Direttur."* (a fol. 818)

Il-ftehim ma huh Alfred intlahaq f'2007 u gew ceduti ma tletin il-kawza fil-Qrati.

Michael Angelo Fenech xhed li personalment ma kellux shares fis-socjeta' Tal-Barrani izda kien Direttur ta' din is-socjeta' , u kien *shareholder* ta' Fenech Estates waqt li Fenech Estates Company Limited kienet *shareholder* f'Tal-Barrani Limited . Michael Angelo Fenech xhed li *"meta l-bank intimat ceda u accetta li Fenech Estate limited ikollha dritt li ghalkemm qed taghmel dan il-pagament kwalifikat li hija tfittex il-bank ghal dan li qed thallas zzejjed, Fenech Estate hallset mal-ewwel."* - vide fol.882.

A fol. 824 A, Michael Angelo Fenech xhed illi jirrizulta mill-process li meta Michael Axisa xtara il-proprjeta'. Di piu Fenech Estate kienet bieghet erba' *plots* u hallset il-bank. Mistoqsi ir-raguni 'l ghaliex allura kienu dehru hu u huh Alfred biex jirraprezentaw il-kumpanija fuq il-kuntratt tat-12 t'Ottubru 2007, Michael Angelo Fenech jghid li ma kienx hemm raguni partikolari 'l ghaliex ma kienx deher wahdu fuq dan il-kuntratt. Dwar l-*accounts* xhed li kien ilhom ma jsiru mill 1986 u dan sar bi traskuragni. Jinnega li l-*accounts* ma sarux minhabba d-dizgwid bejnu u Alfred Fenech.

**Ikkonsidrat:**

L-eccezzjonijiet preliminari li huma skedati ghall-analizi ta' din il-Qorti huma l-eccezzjonijiet numru tlieta u erbgha tal-bank intimat, tal-Lay Lay Company Limited u Micahel Axisa Limited u eccezzjoni numru tlieta ta' Dr Louis Cassar Pulicino , li huma li l-attur Michael Angelo Fenech ma kellux r-rapprezentazzjoni gudizzjarja tal-kumpanija Fenech Estate Company Limited ghalhekk ma kellux locus standi biex jagixxi ghal din il-kumpanija, u li Fenech Estate Company Limited ma kellha ebda locus standi f'dawn il-proceduri stante li l-art in kwistjoni kienet proprjeta' tal-kumpanija Tal-Barrani Company Limited.

Dak li ghandha tezamina il-Qorti hu: setghatx tigi intavolata din il-kawza minn Michael Angelo Fenech wahdu in rapprezentanza ta’ Fenech Estates Limited, u setghax l-attur jintavola l-azzjoni derevattiva kif kontemplata fl-Artikolu 402 tal-Kapitolu 386?

Din il-Qorti taghraf illi ghandha tezamina l-azzjoni .................. kif kontemplata fl-Artikolu 402 Kapitolu 386 li jistipola

***402. (1) Kull membru ta’ kumpannija li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b’mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpannija kienu jew huma jew x’aktarx se jkunu, oppressivi b’mod mhux ġust diskriminatorji kontra, jew b’mod mhux ġust ta’ preġudizzju, għal membru jew membri jew b’mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in ġenerali, jista’ jagħmel rikors lill-qorti għal ordni taħt dan l-artikolu.***

***(2) Meta r-Reġistratur ikun irċieva rapport fuq kumpannija taħt l-artikolu 410 u dan ikun jidhirlu li l-affarijiet tal-kumpannija qed jitmexxew jew ikunu tmexxew b’mod li jaqgħu taħt it-tifsir tassubartikolu (1), hu jista’ jagħmel rikors lill-qorti għall-ħruġ ta’ ordni taħt dan l-artikolu.***

***(3) Jekk dwar rikors magħmul skont is-subartikolu (1) jew (2),***

***il-qorti tkun tal-fehma li l-ilment ikun bażat sewwa u li jkun ġust u ekwu li hekk tagħmel, il-qorti tista’ tagħmel ordni taħt dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa -***

***(a) li jirregola t-tmexxija tal-affarijiet tal-kumpannija filfutur;***

***jew***

*(b) jirrestrinġi jew jipprojbixxi l-għemil ta' xi att propost;*

*jew*

*(ċ) jeħtieġ lill-kumpannija li tagħmel xi att li r-rikorrent ikun ilmenta li kienet naqset li tagħmel; jew*

*(d) jipprovdi għax-xiri tal-azzjonijiet ta' xi membri tal kumpannija minn membri oħra tal-kumpannija jew mill-kumpannija nnifisha u, f'każ ta' xiri mill-kumpannija, għat-tnaqqis li jkun meħtieġ fil-kapital azzjonarju maħruġ tal-kumpannija; jew*

*(e) jordna lill-kumpannija li tibda, tiddefendi, tkompli jew ma tkomplix proċedimenti tal-qorti, jew jawtorizza lil membru jew membri tal-kumpannija li jibdew, jiddefendu, ikomplu jew ma jkomplux proċedimenti tal-qorti f'isem u għan-nom tal-kumpannija; jew*

*(f) jipprovdi għall-ħlas ta' kumpens minn dik il-persuna li tista' tkun instabet responsabbli mill-qorti għal telf jew danni li jkunu ġġarrbu minħabba att jew nuqqas li dwaru jkun sar ilment lill-persuna li tkun ġarrbet dak it-telf jew danni; jew*

*(g) ixolji l-kumpannija u jipprovdi għall-istralċ konsegwenzjali tagħha.*

*(4) Meta jsir ordni għax-xoljiment ta' kumpannija skont issubartikolu (3)(g), il-kumpannija għandha titqies li tkun xoljiet fid-data meta jkun sar l-ordni u d-disposizzjonijiet tas-Sub-Titoli I u III tat-Titolu II tat-Taqsima V ta' dan l-Att li jirregolaw l-istralċ ta' kumpanniji għandhom japplikaw.*

***(5) Ordni magħmul taħt dan l-artikolu jista’ jeħtieġ lil kumpannija biex ma tagħmilx xi emenda, jew li tagħmel emenda meħtieġa, fil-memorandum jew fl-istatut tagħha.***

***(6) F’dan l-artikolu, il-kelma "membru" tinkludi persuna li legalment tista’ tirrappreżenta l-interessi ta’ membru mejjet, persuna li għandha jkunu għaddew leġittimament azzjonijiet filkumpannija b’wirt testamentarju jew mhux testamentarju, u trustee kif imfisser fl-artikolu 127 li jkollu azzjonijiet fil-kumpannija***

Minn ezami tal-imsemmi Artikolu johrog car illi l-Legislatur Malti b’tali regolament kellu hsieb li jipprotegi azzjonijiet minn decizjonijiet ingusti ta’azzjonisti maggoritarji jew Diretturi tas-socjeta’, tant illi sahhansitra il-Qrati inghataw il-poter jaghmlu ordni ta’ stralc tas-socjeta’ rilevanti.

In fatti fis-sentenza **Philomena Ellul vs Charles Ellul pro et nomine,** tal-**Qorti tal-Appell** deciza **31 ta’ Jannar 2013**:

***“Dawn il-provvediment huma ta’ salvagwardja u ta’ protezzjoni ghall-azzjonisti ta’ socjea’ kummercjali, b’mod partikolari ghal dawk li huma minoritarji. Ir-rimedji li johorgu minn dawn il-provvedimenti huma moghtija lil kull azzjonist ta’ socjeta’ kummercjali, Kull azzjonist, anke jekk hu minoritarju ta’ socjeta’ kummercjali, anke jekk hi pubblika, jista’ jitlob li jinghataw l-ordnijiet kollha necessarji u opportuni, f’kaz li jirnexxilu jipprova li minhabba l-gestjoni tal-istess socjeta’ huwa qed isofri jew ukoll jista’ jsofri xi pregudizzju ta’ natura oppressiva, ingusta jew diskriminatorja...”***

Di piu' **Profs Andrew Muscat** fl-opra tieghu **Principles of Maltese Company Law**, 2007 sostna:

***"To succeed in a derivative action, the minority shareholder must prove (i) fraud on the minority [1] and (ii) wrongdoer control which prevents the company itself bringing the action in its own name [Farrar at p.435]. The derivative action is accordingly available where the company itself has been wronged and the directors of the majority shareholders who control the composition of the board fail to take the necessary action to institute the necessary legal proceedings to remedy the wrong suffered by the company.***

***The derivative action is therefore an exception to the rule in Foss v Horbottle that in respect of a wrong alleged to be done to a company, the company itself is the proper plaintiff. It should be noted that a court will not however allow the derivative action to proceed if another adequate remedy is available or if it was brought for an ulterior purpose. [Barrett v Duckett 1995] It should also be noted that the derivative action is not available when the company is in liquidation. [2]***

[1] ***[weddeburn has point out that this element should more properly be described as "fraud on the company". Vide K.W. Wedderburn, "shareholder's rights and the rule in Foss v Horbottle" 1957, C.L.J. 194 and 1958, C.L.J. 93]***

[2] *[vide Palmer's Company Law, 24th Edition, 1987, at p. 977; Gower and Davies at p.445, Ferguson v Wollbridge [1935] 3 D.L.R. 66 (P.C.); Fargro Ltd v Godfroy [1986] 7 W.L.R. '1734; Barrett v Duckett 1995 L BCLC 243) In procedural terms, Michoel J Falla v John H Sorotos established that in an action in respect of a wrong to a company it is the company and, save as stated, only the company that has a locus standi as plaintiff.*

***Profs Muscat jghid ukoll:***

***This fundamental principle that the property plaintiff in an action in respect of a wrong alleged to be done to a company is prima facie the company itself has also been recognized by the Court of Appeal.*** [3] ***The shareholder has no juridical interest and therefore no locus standi as plaintiff in such an action other than in the exceptional circumstances described below."***

**Ikkonsidrat:**

L-ghan li bih giet intavolata il-kawza odjerna certament mhuwiex ghal xi frodi prattikat fuq l-azzjonista minoritarja jew fuq is-socjeta' nnifisha jew xi wrongful control li permezz tieghu l-Bord tad-Diretturi naqas milli jiehu l-azzjoni necessarja u mistennija. Din il-kawza giet intavolata biex timpunja decizjoni ta' Amministratur Provvizorju nominat f'kawza ohra 530/02JA preseduta mill-Imhallef Dr Joseph Azzopardi fil-kuntest ta' proceduri ta' stralc.

Illi apparti dak li jipprovdi l-Artikolu 224 (2) tal-Kapitolu 386 dwar nullita' ta' proceduri ohra fejn si tratta ta' stralc, ir-rimedju ghal min ihoss ruhhu aggravat ghal ghemil jew decizjoni tal-istralcjarju, huwa dak li joffri l-Artikolu 239 (4) tal-Kap. 386 li jipprovdi:

[3] *In Cecile Pace pro et noe et vs Emanuel A Bonello pro et noe Vol LXXX.II.849 Court of Appeal 1996 and Martin Bonello Cole vs Kenneth Cole Court of Appeal (05.10.2001)] and by the Commercial Court in Edwin Zammit Tabona et v Emanuel Grech noe et [Commercial Court 23.04.1980] and Cornelius sive Maurice Scifo Diamantino v Eric Pace Bonello pro et noe et [Commercial Court 29.11.1989].*

> ***"(4) Jekk xi persuna tħossha aggravata b'xi għemil jew deċiżjoni tal-istralċjarju, il-persuna tista' tagħmel rikors lill-qorti u l-qorti tista' tikkonferma, taqleb jew timmodifika l-għemil jew id-deċiżjoni li dwarha jsir l-ilment, u tagħmel dak l-ordni dwar dan li jidhrilha ġust."***

Din il-Qorti minkejja diversi attentati daparti tal-attur biex jitfa' dellijiet koroh fuq l-Amminstratur Provvizorju, taghraf li l-uniku ghemil qarrieqi li jirrizulta lil din il-Qorti hu dak da parti tal-attur li pprova jisfratta ghal darba ohra il-bejgh tal-art in kwistjoni ghaliex ippretenda li jiehu Lm150,000 ohra fuq il-kuntratt b'mod mistur.

L-attur naqas li juri, jew b'xi mod remot jipprova, xi qerq jew frodi da parti ta' xi azzjonista minoritarja jew xi wrongful control li permezz tieghu s-socjeta' giet mxekkla milli tippromovi azzjoni gudizzjarja f'isimha.

Illi skond dak ritenut minn Prof Andrew Muscat, l-azzjoni derivattiva hija eccezzjoni ghar-regola generali (li s-socjeta' tmexxi azzjonijiet gudizzjarji f'isimha), u l-Qrati m'ghandhomx jippermettu tali azzjoni jekk kemm-il darba jirrizulta li kien hemm rimedju iehor adekwat. Certament il-Qrati ma ghandhomx jippermettu li din l-azzjoni derivattiva tirnexxi, kemm il darba jirrizulta, kif fil-fatt sabet din il-Qorti, li l-azzjoni qed tintuza ghal-skopijiet ulterjuri.

Apparti dana kollu l-azzjoni derivanti mhux sostenibbli meta socjeta' tinstab f'stralc.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina l-eccezzjoni tar-rapprentanza guridika.

L-art. 69(1)(g) tal-Kapitolu 386 jesigi li l-Memorandun and Articles of Association tas-socjeta' ghandha tikkontjeni n-numru ta' Diretturi, l-isem u r-residenza tal-istess, u jekk jkun korp guridiku l-isem u l-ufficcju registrat tal-istess u l-mod ta' kif ser tkun ezercitata r-rapprezentanza tas-socjeta' u l-isem tal-persuna/persuni li huma mghonija b'tali rapprezentanza.

Tibdil ta' raprezentanza guridika tirrikjedi li tali tibdil jigi registrat mar-Registratur tal-Kumpaniji fi zmien erbghatax –il gurnata u dan skond l-Artikolu 79(2) tal-Kapitolu 386.

Mill-provi dikumentari ufficcjal prodott fil-kaz in ezami, jirrizulta illi s-socjeta' Fenech Estates Limited, permezz ta' resoluzzjoni datata 1991, kienet vestit ir-rapprezentanza guridika fi ***"any two directors or by any person or persons as the Board of Directors may from time to time determine".*** *Vide Fol 370 u Fol 395 Klawsola 9 tal-Memorandum of Association tal-istess socjeta', u Fol 403 Memorandum and Article of Association ta' Fenech Estates Limited esebiti minn Dr Claudette Fenech a Fol 16 tal-istess.*

Jidher dunque illi r-rapprezentanza guridika ta' Fenech Estates Limited kienet f'idejn Michael Angelo Fenech u huh Alfred Fenech.

Michael Angelo Fenech ghaldaqstant, ma setghax wahdu jintavola il-proceduri odjerni f'isem Fenech Estates Limited.

Din il-Qorti, wara li ghamlet ezami akkurat tax-xhieda u dokumenti voluminuzi ghal-ahhar tal-kaz odjern, tqis illi ma tista' b'ebda modd tikkonsidera li Michael Angelo Fenech kellu il-fiducja ghamja u l-kunsens tacitu ta' huh Alfred Fenech meta jirrizulta ampjament mill-provi prodotti illi kien hemm tilwim kbir bejn l-ahwa fuq diversi kwistjonijiet pero' f'sens aktar krucjali preizament dwar il-bejgh tal-art in kwistjoni.

Dak li jirrizulta lil din il-Qorti hu li din il-kawza saret addirittura kontra x-xewqat u struzzjonijiet ta' Alfred Fenech.

Infatti tant kienet gravi s-sitwazzjoni bejn l-ahwa Fenech li kien hemm intavolati (u dan kif afferma fil-kontro-ezami l-istess Michael Angelo Fenech) ma tletin kawza il-Qorti bejn l-ahwa Fenech. Dawn gew ceduti in segwitu tal-ftehim bejn l-ahwa Fenech biss fit-2007.

It-tilwin gravi tal-ahwa kien ukoll rifless fil-fatti li ma gew ipprezentati ebda *accounts* tas-socjeta' Fenech Estates Limited minn 1986.

Il-Qorti rat u ezaminat ir-resoluzzjonijiet ezebiti a fol. 492 u fol 659 tal-process li fi kliem Michael Angelo Fenech ggibu data **sussegwenti** ghad-data tal-intavolar tal-proceduri odjerni.

Michael Angelo Fenech pero' kien perswas li r-resoluzzjoni ex post facto kienet ser tirratifika l-azzjoni tieghu. Sfortunatament din mhijiex il-ligi tal-pajjiz u ma ssib ebda rifless fil-gurisprudenza nostrali.

In fatti l-Qorti taghna rreaffermaw fis-sentenza **JMR Ltd vs Maurice Scifo Diamantino** deciza fit-8 ta' Lulju 2005

> ***"Jirrizulta li r-rikors bit-talba ghal hrug tal-att kawtelatroju in kwestjoni gie biss konfermat minn Jennifer Sammut ghan-non tas-socjeta JMR Limited. Jirrizulta ukoll li l-istatut tal-imsemmija socjeta jipprovdi li z-zewg diretturi flimkien jirrappresentawha f'atti gudizzjarji. Ghalhekk ir-rikorrenti jippretendu li l-hrug tal-att***

***kawtelatorju in kwestjoni hu null. Skond dak li jipprovdi l-artikolu 181A(2) tal-Kapitolu 12 il-kontenut tar-rikors ghal hrug tal-att kawtelatorju in kwestjoni kellu jigi konfermat bil-gurament miz-zewg diretturi u mhux minn wahda minnhom biss. Difatti l-imsemmi artikolu jipprovdi illi kull dikjarazzjoni jew skrittura li ghandha tinhalef skond il-ligi ghandha, fil-kaz ta' socjeta' kummercjali, tigi konfermata bil-gurament minn dawk li ghandhom ir-rappresentanza guridika tal-istess socjeta. Ghalhekk il-hrug tal-mandat mhux wiehed regolari peress li r-rikors hu biss konfermat bil-gurament minn wiehed mid-diretturi u mhux miz-zewg diretturi, li fil-fatt flimkien ghandhom ir-rappresentanza guridika tal-istess socjeta. Ghalhekk ukoll ghandu jitqies li l-konferma bil-gurament mhux regolari. Konsegwentement il-hrug tal-mandat hu null u dana skond l-artikolu 831(3) tal-istess Kap 12, liema artikolu jipprovdi li l-mandati mahruga minnghajr din id-dikjarazzjoni mwettqa bil-gurament huma nulli;"***

Din il-Qorti tkun qed tonqos mill-ezami taghha, jekk kemm-il darba ma tghamilx accenn ghall-ittri ufficcjali mibghuta mill-attur Michael Angelo Fenech fis-7 u 30 ta' Lulju, 1999 vide dokumenti FE 3 sa FE 6 minn Fol 795 sa Fol 798, fejn sostna li addirittura ma kienx Direttur tas-socjeta' Fenech Estates Limited u li sahhansitra r-resoluzzjoni tas-socjeta' u l-Form K kienu saru abbusivament u llegalment. Michael Angelo Fenech sostna wkoll li dawn l-ittri ufficcjali gew segwiti bi proceduri civili li ghadhom pendenti.

Din il-Qorti fliet bir-reqqa x-xhieda tieghu vide a fol. 815 sa 819 u 806 sa 808 u tiddeplora l-attitudni kavvalleresk tieghu mal-verita.

Illi ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjonijiet numru tlieta u erbgha tal-Bank intimat HSBC Malta plc; tilqa' l-eccezjonijiet numru tlieta u erbgha tas-socjetajiet Michael Axisa Limited u Lay Lay Company Limited u tilqa' it-tielet eccezzjoni tal-Amministratur Provvisorju

Dr. Louis Cassar Pullicino u in vista ta' dan tichad t-talbiet attrici u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet rimanenti tal-intimati kollha.

Fic-cirkostanzi pjuttost partikolari ta' dan il-kaz, il-Qorti tqis li jkun gust u ghaqli li l-ispejjez kollha tal-kawza jkunu a karigu ta' Michael Angelo Fenech personalment.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------